# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2569

Każ numru 3146/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

Bejn
Michael Warrington
K.I. 180462 (M)
u
FCM Bank Limited
(C50343)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*.

**Chairman : Is-sur James Henry Pearsall**

**Illum : 14 ta' Jannar, 2019**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat fl-23 ta' Lulju 2013, kif prezentat fil-Qrati tal-Gustizzja, kif ukoll b'dikjarazzjoni datata l-4 ta' Ottubru, 2013, it-tnejn ppreżentati minn Michael Warrington. Fiz-zewg okkazzjonijiet is-Sur Michael Warrington jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu minn ma' l-FCM Bank kienet wahda ingusta ai termini tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant jitlob il-hlas ta' kumpens gust.

Minn naha tieghu l-FCM Bank Ltd, jirritieni li l-impjieg tas-Sur Michael Warrington gie imwaqqaf fl-24 ta' Gunju, 2013, ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm 26 seduta, li minnhom kien hemm numru ta' seduti differiti minhabba talbiet mill-partijiet. It-Tribunal sema ix-xhieda

mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u dokumenti kif esebiti, kif ukoll ha konjizzjoni ta' l-argumenti kif prezentati fit-trattazzjoni finali min naha ta' l-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mis- soċjetà intimata kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**
   Michael Warrington li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien mghejjun mil-Avukat Dr. Louis de Gabriele.

   L-FCM Bank Ltd li minn issa ' l-quddiem ser jissejjah is-socjeta' intimata, kien irrapprezentat mil-Avukat Dr. Matthew Brincat

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

   Ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' ntimata bhala 'Chief Executive Officer, permezz ta' kuntratt indefinit fuq bazi part-time u li beda mill-1 ta' Awissu, 2011 (Rif Doc MW1).
   Ir-rikorrent, kellu salarju ta' 55,000 euro fis-sena kif ukoll benefficcji ohra, u kien mistenni li ta' l-anqas jahdem jumejn fil-gimgha, skond l-esigenzi tas-socjeta' intimata.

   Ir-rikorrent gie infurmat permezz ta' ittra datata 24 ta' Gunju, 2013, li il-kuntratt ta' l-impjieg tieghu kien ser jigi tterminat b'effet immedjat (Rif Doc MW2).

4. **Il-lista ta' xhieda:**
   Xhieda imressqa, skond kif elenkati fil-listi annessi kemmm fir-rikors tar- rikorrent kif ukoll fir-risposta tas-socjeta' intimata.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**
   Dokumenti ipprezentati mir-rikorrent immarkati bhala Dok MW 1 sa MW 6

   Dokumenti ipprezentati mis-socjeta' intimata immarkati bhala Dok FCM1 sa Dok FCM 13 Doc TB 1

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

6.1 **is-Sur Luke Calleja** ex-impjegat tal bank ghall mistoqsija fir-rigward tar-relazzjoni tieghu mas-CEO " *we had a very healthy relationship myself and Michael* " ;

ghall mistoqsija x'kien is-sehem tieghu fl'accettazzjoni tal-flus kontanti, u irrisponda " *so what I saw in the meeting room done with the client, she stepped out because there was something not standard that was being requested*" (rif sed 2 pag 3;10 18-12-2013.

**6.2 Vince Ma:** impjegat tas-socjeta' intimata fix-xhieda tieghu jghid "_______*for example you know implementing an IT system it takes you know many months for example*" (rif sed 6 pag 16 30-09-2015)

**6.3 John Soler:** ex direttur u Chairman FCM bank fixhieda tieghu qal " *No core banking system was in place when Michael Warrington was not CEO anymore* (rif sed 5 pag 4 22-10-2014).

Ghall mistoqsija jekk kienx hemm Core banking system hu irrisponda " *The internal banking system was introduced around two weeks ago"* (rif sed 5 pag 9 22-10-2014

Ghall mistoqsija jekk kienx jaqbel mat-tnehhija ta l-intimat mill-kariga ta' CEO hu irrisponda "----------*I abstained on the day -----I could not take an informed decision.------------------------there was no valid reason----------on, I was not given enough information to take an informed decision*" rif sed 5 pag 13;pag 17 22-20-2014).

Fir-rigward ta' l-accettazzjoni ta' flus kontanti is-sur J.Soler irrisponda hekk " *but it falls within the remit of the CEO to take certain decisions. Yes it was in the bank's interestand in my view this was, it was totally above board, the right procedures were taken so, if I was a CEO I would have taken the same decision".*

6.4 **Rachel Cassar Torregiani Dr;** compliance officer tal-bank meta mistoqsija jekk kienetx ikkunttjata mis-sur Tim Babich fir-rigwrad tar-relazzjoni tieghu mac-CEO hi irrispondiet " *Yes one time--------Mr Babich did give me a call and informed me that he was having problems with Micahel Warrington*" (rif sed 4 pag 35 04-06-2014)

**6.5 Claire Deguara;** ex impjegat tas-socjeta' intimata ghall mistoqsija mit-Tribunal " *Ehm honestly I don't remember what document we used to take because it's been four years you know, I don't remember exactly but I mean it seems to be okay__________Ehm, honestly we didn't have as aprocedure we couldn't accept cash,us as clerks. Ehm, but in this case we did a note because we accepted the cash.* That's why we did the note".(rif sed 18 pag 5 20-11-2017)

**7 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**7.1 L-Avv Mathew Brincat** ghas-socjeta' initmata fit-trattazzjoni tieghu wara li irrefera ghall-dikjarazzjonijiet li kienet ghamlet is-socjeta' sic

(a) *Serious breach of bank policies due to the acceptance of deposits in cash on the* 12/02/2013;

(b) *Underperformance due to failure to meet financial and business targets and*;

(C) *Attempting to prevent direct communication between the Bank's compliance officer and the Board*.

L-Avv Matthew Brincat enfasizza l-argumenti tieghu li ir-rikorrent **kiser ir-regoli tal bank u dan ghamlu minghajr konoxxenza tal-Compliance Officer**. Ghamel riferenza ta xhieda, (John Soler; Rachel Cassar Torregiani) fejn intqal li dan kien aggixxi fid-diskrezzjoni tieghu bhala CEO.

Ghar-rigward **tal-Peformance of the Bank** fejn jirreferi li ir-rikorrent bhala CEO kellu ir-responsabilita' li il-miri finanzjarji tal-bank jintlehhqu u f'waqt isemmi li ir-rikorrent kien inghata bonus (2011) izda jghid ukoll li ma kienx inghata bonus fit-2012. L-Avv. Matthew Brincat sostna li ir-rikorrent gab numru ta' ragunijiet sabiex jiddefendi in-nuqqas ta' rizultati finanzjarji u argumenta li bhala il-persuna responsabbli esprima li bhala CEO rispettabbli kellu jirrealizza li kemm il-darba il-bank ma kienx lahaq l-oggettivi proposti minnu stess u kellu jaccetta li jiehu id-daqqa, ghalhekk ic-CEO huwa imhallas aktar minn haddiehor.
Ghar-rigward ta' **Prohibiting Employees from speaking to the Board** l-Avv. Matthew Brincat ghamel referenza ghal elenku ta' korrispondenza fejn f'wahda minnhom kien innotat li ir-rikorrent kien ta struzzjonijiet sabiex l-impjegati ghandhom jghaddu kull kommunikazzjoni minghandu ghax seta jiehu passi dixxiplinarji. L-Avv Matthew Brincat: tenna li is-Sur Babich gibidlu l-attenzjoni li kif qieghed jaggixxi qieghed imur kontra numru ta' regolamenti, u ghaldaqstant dawn il-fatti kif imsemmija jippruvaw l-akkuzi kontra ir-rikorrent.

**7.1 L-Avv Louis de Gabriele** ghar-rikorrent irribatta l-argumenti tas-socjeta' intimata fejn irrefera ghall l-ewwel akkuza " **Serious breach of Bank policies"** fejn issostanzja b'xhieda kemm ta' (John Soler u Rachel Cassar Torregiani) li huwa minnu li kienet id-diskrezzjoni tal-Bank rapprezentat mis-CEO li seta jiddeciedi li jaccetta flus kontanti minghand klijent meta fix-xhieda jinghad li dan kien sar kollox skond in-norma (above board) (Rif Sed 22/10/2014 pag 18).
**L-Avv de Gabriele** ghar-rigward ta **Alleged Underperformance,** filwaqt li irrefera kif matul il-perjodu lavorattiv tar-rikorrent dan gie mghoti awment fis-salarju ghal tlett darbiet konsekuttivi, kif ukoll kien ilu jaghmel talbiet sabiex il-Bank jinstalla dik l-imsejjha "*Core Banking System*" sabiex is-socjeta' intimata tkun tista' toffri sevizzi aktar efficjenti u li din giet installat tlett xhur biss wara li ir-rikorrent gie terminat, kif ukoll filwaqt li ir-rikorrent jigi akkuzat li il-Bank ma lahaqx il-miri stabbiliti, izda fl-istess hin il-Bank jaghmel profit u mhux telf, l-Avv de Gabriele: jikkontesta kif dan jikkwalifika bhala *underperformance*.
**L-Avv de Gabriele** irrefera ukoll ghax xhieda mghotija minn Vince Ma fir-rigward ta' l-ufficini tal-Bank fejn esprima li dan il-post ma kienx wiehed adattat, l-Avv. De Gabriele: isosstni li din kienet decizjoni kollettiva tal-Bord tad-diretturi tal-Bank stess u ghaldaqstant qatt ma setghet tigi ikkunsidrata bhala bazi ghal terminazzjoni ta l-impjieg tar-rikorrent.
**L-Avv de Gabriele** fir-riferenza ghall-**Preventing communication between compliance officer and board** sosstna li ir-rikorrent bhala CEO kellu ir-responsabilita' tat-tmexxija tas-socjeta' b'mod specjali fl-operazzjoni taghha u li kien il-punt ta' riferenza ghall bord tad-diretturi tas-socjeta' intimata. L-Avv de Gabriele: spjega kif il-kommunikazzjonijiet bejn ir-rikorrent u is-Sur Babich kienu evolvew f'sitwazzjoni xejn plawsibbli fit-tmexxjia ta' l-operat tas-socjeta' intimata u li dan kien qieghed isir biss sabiex is-Sur Babich idghajjef l-awtorita' li kellu ir-rikorrent fis-socjeta' intimata.
**L-Avv de Gabriele** esprima il-fatt ukoll li bic-cirkostanzi li wasslu ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent, li kienet l-aktar mizura harxa li ittiehdet mar-rikorrent, izda dan sar minghajr l-ebda forma ta' xi process dixxiplinarju fejn ir-rikorrent setgha jinghata ic-cans li jiddefendi l-allegati akkuzi, u li tali akkuzi intuzaw bhala ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni mill-impjieg tieghu.

## 8 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

It-Tribunal Industrijali fl-osservazzjonijiet tieghu innota li ir-rikorrent kien impjegat bhala CEO, pozizzjoni ta' impjieg li id-doveri tieghu kif elenkati kienu ikopru spettru ta' responsabbiltajiet u li kellu delegat lilu diskrezzjoni assoluta fuq decizjonijiet li kien ikollu bzonn jiehu dan, skond (Policy nru 6 Delegation of Authority pag 4 Doc FCM 10),kellu responsabilita li
**"All members of the management report directly to the CEO"**
**Overiding accountability of the CEO is to deliver _________________consistent performance delivery and safe compliant execution of the Company's business.**

It-Tribunal Industrijali iqis li rekwiziti fundamentali fir-relazzjoni bejn l-impjegat u min ihaddem huwa l-fiducja u l-impenn. Dan ir-rekwiziti jikbru aktar fl-importanza taghhom meta l-kariga tal-impjegat, tkun wahda ta' certu livell bhal ma' kienet fil-kaz li dwaru tittratta din id-decizzjoni, dik ta' CEO.

Bla ebda dubju li il-livell ta' impenn u fiducja mghoti minn naha tar-rikorrent kien meqjus bhala sodisfacenti minn naha tad-Direttur tas-Socjeta' intimata matul is-snin, tant illi s-salarju tieghu kien jgharaf sew il-potenzjal li kellu mhux talli hekk, talli gie awmentat aktar minn darba u anke gie mghoti *bonuses* relatati mal-prestazzjoni lavorattiva tieghu.

Pero', kif hareg car mix-xhieda, din il-fehma minn naha tad-Diretturi iddetterjorat, b'mod partikulari fis-sena meta sehh it-temm tal-impjieg, tant li f'dak il-perjodu s-sitwazzjoni giet deskritta mill-istess diretturi bhala wahda mhux tenibbli, minhabba l-hekk imsejjha diversi ragunjijiet, li inghataw kunsiderazzjoni xierqa mit-Tribunal.

Din is-sitwazzjoni wasslet sabiex jigi mitmum l-impjieg tar-rikorrent. Mill-banda l-ohra, ir-rikorrent kien sar konxju li ma kellux aktar dik il-fiducju massima li kellu fil-bidu ta' l-impjieg tieghu, tant li kien dispost, u eventwalment beda diskussjonijiet sabiex ikun hemm ftehim fuq kundizzjonijiet dwar kif kellu jintemm l-impjieg.

IT-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjoni tieghu f'dan il-kaz hares lejn dawn l-aspetti, kif ukoll jaghmel dawn il-mistoqsijiet.:
Din it-tkeccija saret minhabba li ir-rikorrent ma segwix korrettament u b'assertivita' l-proceduri tal-Bank hekk kif mitlub u miktub, jew, ghax kellu nuqqas serju fl-immanigjar tal-Bank bl-osservanza necessarja u kif suppost.??. Jekk kemm il-darba kien hekk, ir-rikorrent ikkostruwixxa xi prattici determinati li wasslu jew setghu b'xi mod iwasslu ghall telfien mill-fondi tas-socjeta' intimata.?

Jekk kien hemm allegat nuqqas ta' immaniggjar, jew nuqqas ta' osservanza, dan kien kontra ir-regolamenti jew barra lill-kuntest tad-deskrizzjoni responsabbli tal-kariga u l-parametri ezistenti tal-proceduri relattati mall-kontrol u compliance?.

Fir-rigward tal-qadi ta' dmirijietu (rikorrent) gie ippruvat li saret xi negligenza premeditata jew abbuz car sabiex jisfida ir-regolamenti stabbiliti jew lill minn kien originhom u li setghu ghamlu xi dannu lill-istess socjeta' intimata ??

It-Tribunal Industrijali innota li fl-innizzjar tat-twaqqif taghha kienet is-socjeta' intimata li ghazlet lir-rikorrent bhala l-aktar persuna li kellha iggorr l-ghola responsabilta, inkluz dik legali, minhabba iz-zamma ta' regolamenti stretti marbuta ma' Ligijiet li taghhom il-persuna tkun personalment responsabbli, u ta' dan ir-rikorrent gie mghoti pakkett finanzjarju u benefficcji, li kien jikkommenzura ma' tali responsabilita'. It-Tribunal innota bi skantament kif ic-cirkostanzi fit-tkomplija tal-hidma mir-rikorrent bdiet tigi ostakolata b'decizjonijiet mehuda minn persuni f'karigi ghola fis-socjeta' li mhux biss wasslu li ir-rikorrent jigi sospiz b'salarju shih izda kif ukoll finalment hu gie itterminat.
Ir-ragunijiet mghotija fix-xhieda tas-socjeta' intimata kienu jirreferu ghall immanigjar hazin min naha tas-CEO (ir-rikorrent) minhabba decizjonijiet teknici anke jekk dawn kienu approvati mill-istess amministrazzjoni tas-socjeta'. Finalment gie akkuzat li kiser ir-regolamenti ta' l-istess socjeta' meta ha decizjoni li jaccetta somma ta' flus kontanti meta hu kien jaf li dan suppost ma jistax jaghmlu.

It-Tribunal osserva, li fir-rigward ta' l-akkuza li ir-rikorrent mexa b'immanigjar hazin, mix-xhieda tas-socjeta' intimata, gie ikkonfermat li kien hemm sensiela ta' decizzjonijiet mehuda li dawn kienu jigu segwiti minn persuni fl-amministrazzjoni tas-socjeta' intimata u li dawn dejjem urew qbil f'dak li kien qieghed isir. Il-kulminu ta' din l-istorja ipprecipita meta ir-rikorrent bir-responsabbilita' tal-kariga ta CEO accetta somma ta' flus kontanti, minghand klijent ta' l-istess socjeta' intimata, u li iddeposita f'Bank iehor.
Ir-rikorrent f'din l-incidenza uza id-diskrezzjoni mghotija lilhu mill-istess kariga li kellu bhal CEO u li f'policy tas-socjeta' kellu konfort bil-klawsola li tghid " *The Bank as a rule **shall** not be accepting cash from its clients"* ghaldaqstant ir-rikorrent mexa mall-kuncett tan **Know Your Client** rule u f'din ic-cirkostanza ha ir-responsabilita' kollha fuqu meta mar hu stess jiddeposita l-istess flus f'bank iehor, bl-osservanza ta' AML regulations, u dawn il-flus gew accetati minghajr l-ebda problema. Dan ikkonfermah ir-rikorrent stess permes ta' ittra datata (20-06-2013).
Id-decizjoni tar-rikorrent giet ikkoraborata mix-xhieda ta' direttur u ex Chairman ta l-istess bank **is-Sur John Soler meta qal** " *but it falls within the remit of the CEO, on the CEO to take certain decisions. Yes it was totally above board the right procedures were taken. If I was a CEO I would have done the same"* (Sed Nru 5 22/10/2014 pag 18).

It-Tribunal Industrijali osserva ukoll li mill-incidenza ta' meta ir-rikorrent gie sospiz u li dan bl-ebda fehma, minn naha tas-socjeta' intimata, ma kienet qed titqies bhala xi azzjoni dixxiplinarja, kif ukoll l-anqas kienet timplika li b'xi mod ir-rikorrent kellu xi htija jew att ta' negligenza fil kondotta tieghu, (Rif ittra Doc MW 14), konsegwentament ir-rikorrent gie itterminat mill-impjieg, u dan minghajr xi tip ta' procedura dixxiplinarja sabiex kienet tinghata lilhu l-opportunita li jiddefendi ruhu mill-akkuzi maghmula mis-socjeta' intimata.

It-Tribunal Industrijali jifhem u jaccetta cirkustanzi gravi fejn is-socjeta' intimata jew min jimpjega ikun gustifikat li jaghmel terminazzjoni ta' impjieg, izda certament, irid iffakkar li fil-kaz odjern , il-bazi tal-principju tal-proporzjonalita bejn il-kastig u l-offiza, anke kieku il-kastig kien misthoqq, ma kienx osservat, dan meta ukoll l-istess Tim Babich, propjetarju u CEO tas-socjeta' intimate, fir-risposta tieghu kien wasal sabiex offra lir-rikorrent pozizzjoni ohra fl-istess socjeta' izda, basta ir-rikorrent iwarrab min CEO.

It-Tribunal jemmen bis-shih illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi valorizzat kemm mill-impjegat kif ukoll minn min jimpjega. U f'dan l-ambitu t-Tribunal jifhem li is-socjeta' intimata ghandha dritt li thossa konvinta, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ghola mpjegati taghha, li jibqa ikollha fiducja shiha u kontinwa fihom. Pero', jekk dan in-nuqqas ta' tali konvinzjoni ma' jkunx korraborat b'xi akkuzi serji ta' negligenza, m'ghandux ikun daqshekk komdu u relattivament irhis li impjieg jigi terminat f'daqqa u l-hin.
Tenut kont tal-mod kif gew epprezentati l-fatti f'dan il-process, it-Tribunal, ma' jhossx bhala accettabbli l-mod komparattivament facli li bih giet mitmuma din ir-relazzjoni ta'impjieg.

**9 Deċiżjoni:**

Dan il-kaz huwa wiehed partikolari fejn jittratta r-rapport bejn kumpanija u ufficjal f'kariga manigerjali gholja. Il-kazistika dwar kazi ta 'senior management' m'hijiex wahda numeruza ghaliex f'bosta kazi simili jinstabu soluzzjonijiet praticci bi ftehim accettabbli ghaz-zewg partijiet.

It-Tribunal Industrijali sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet. It-Tribunal fid-decizzjoni tieghu ha inkunsiderazzjoni li ir-rikorrent sab impjieg gdid fi zmien tlett xhur u li id-decizzjoni tas-socjeta' li topera f-settur tant sensittiv, bit-terminazzjoni ta' l-impjieg setghet ikkagunat hsara professjonali fl-integrita tieghu u li din setghet tghamilha ferm difficli sabiex isib impjieg iehor.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li it-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikkorent ma kienetx ghall-raguni gusta u skond il-Ligi, u jordna li ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens gust, pagabbli ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000), u li ghandhom jithallsu fi zmien tmien gimghat minn din–decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman